MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 36/2009/1

Fl-atti tal-Mandat ta' Qbid numru 1618/07 fl-ismijiet:-

**Panta Marketing and Services Ltd**

**vs**

**Euro Chemie Products Ltd**

**Il-Qorti,**

Dan hu appell mid-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghti fit-3 ta' Gunju, 2009 u li permezz tieghu dik il-Qorti cahdet it-talba tas-socjeta` Euro Chemie Products Ltd ghar-revoka tal-Mandat ta' Qbid ezekuttiv Numru 1618/07. Il-motiv additat mill-ewwel Qorti ghal din ic-cahda hu dak li l-proceduri adottati mill-kumpanija appellanti ma kienux dawk idoneji;

Fil-konfront tad-digriet imsemmi l-kumpanija appellanti tadduci dawn l-ilmenti:-

(1) Id-digriet hekk moghti huwa null ghaliex l-ewwel Qorti ma segwietx id-dettami ta’ l-Artikolu 281, gja 283A, tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili;

(2) L-artikolu applikabbli ghall-impunjattiva ta’ mandat ezekuttiv huwa l-Artikolu 281;

(3) In vista ta’ l-ordinanza zbaljata taghha l-ewwel Qorti ma ezaminatx ir-ragunijiet minnha sottomessa bit-talba promotrici ghat-thassir tal-mandat ezekuttiv *de quo*;

Il-ligi procedurali esplicitament tipprovdi ghal mod kif jistghu jigu attakkati l-atti ezekuttivi, ahjar dettaljati fl-Artikolu 273 tal-Kapitolu 12; *inter alia*, il-mandat ta’ qbid ta’ hwejjeg mobbli. Hekk l-Artikolu 281 tal-Kodici ritwali jirrikjedi illi ghall-impunjattiva tieghu ghandha tigi segwita l-forma rikjesta tar-rikors li bih jintalab illi l-att jigi, ghal raguni valida, imhassar, “sew ghal kollox jew f’parti minnu biss” [subinciz (1)]. L-istess dispost jissokta jipprovdi fl-incizi l-ohra illi l-parti notifikata bir-rikors ghandha tipprezenta twegiba zmien ghaxart ijiem u l-qorti ghandha tiddeciedi dak l-istess rikors wara s-smiegh tal-partijiet u ta’ kull xhieda opportuna, u dan mhux iktar tard minn xahar mill-jum tal-prezentata. Hu, imbaghad, stabbilit bis-subiciz (4) ta’ l-istess artikolu illi d-decizjoni hekk moghtija tiehu l-forma ta’ digriet “<u>li jinqara fil-qorti bil-miftuh</u>” u appell minnu ghandu jsir zmien sitt ijiem minn dik l-okkorrenza;

Din mhix l-ewwel darba li l-Kodici ritwali taghna jesigi l-forma ta’ digriet ghal certi provvedimenti tal-Qorti. Ara, ad ezempju l-Artikolu 143 (3), u l-Artikoli 655, 684 u 961 fost ohrajn. Ukoll, lanqas ma hi l-ewwel darba fejn l-istess Kodici jippreskrivi illi dak id-digriet ghandu jinqara bil-miftuh mill-qorti. Ara Artikolu 229(2). Fejn hasbet xort’ ohra u d-digriet seta’ alllura jkun wiehed kamerali dan il-

ligi tghidu *expressis*, bhal fil-kaz tad-digriet ghal liema jirreferi l-Artikolu 836 (4) tal-Kapitolu 12;

L-esigenza ghall-ghoti ta' digriet b'dik il-modalita` tal-qari tieghu fil-miftuh mhux minghajr raguni. Kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell, sede Civili, fid-decizjoni fl-ismijiet "**Giuseppe Dalli *et* -vs- Michael Attard**", 24 ta' Marzu, 1961, in meritu ghall-ghoti ta' digrieti li huma interlokutorji, "hemm raguni ta' pratticita ghaliex ghandu jkun hekk. Iz-zmien ghall-appell hu qasir ferm, u huwa ovvjament gust li almenu jibda jghaddi minn gurnata – bhal ma hi dik ta' udjenza pubblika li ghaliha tkun appuntata jew aggornata l-kawza – li fiha l-parti kienet prezenti, jew setghet kienet prezenti, u taf bl-ghoti tad-digriet";

Fil-kaz odjern ma jidherx li d-digriet hekk appellat inghata skond it-termini ta' l-Artikolu 281, jigifieri, mill-ewwel Qorti fil-miftuh, u, anzi, l-indikazzjoni hi li nghata *in camera*. Evidentement, il-procedura ma gietx segwita u tali nauqqas jirrendi d-digriet proceduralment irritwali. Jinghad fis-sentenza fuq citata illi "l-qorti ma jidhrilhiex li dan hu difett ta' semplici forma li ghalih jista' jigi applikat l-Artikolu 792 (c) (illum Artikolu 789 (c)) tal-Kodici tal-Procedura" . Konsegwentement, ghaddiet biex tannulla d-digriet hekk moghti mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili. Ghal konkluzjoni konsimili kienet waslet din il-Qorti kif presjeduta fid-decizjoni taghha tal-15 ta' Dicembru 2003 in re: "**Maria Azzopardi -vs- Joseph Calleja *et***" in rigward ta' digriet li ma nghatax skond il-previzjoni tal-ligi fl-Artikolu 229 (5) tal-Kapitolu 12;

Ma jistax ma jigix rilevat illi b'sentenza taghha tas-6 ta' Ottubru, 1999 fil-kawza fl-ismijiet "**Power Projects Ltd -vs- Serena Holdings Ltd**", il-Qorti ta' l-Appell Superjuri ma waqqfetx fuq s-semplici affermazzjoni ta' l-irritwalita izda inoltrat ruhha biex tinvestiga jekk tali irritwalita` kellhiex necessarjament twassal ghan-nullita` ta' l-istess digriet. Fiha l-Qorti irravvizat illi "meta quddiem Qorti fi grad ta' appell tingieb 'il quddiem eccezzjoni ta' nullita`

tas-sentenza appellata (*multo magis* ta' digriet) dik l-eccezzjoni m'ghandhiex tintlaqa' jekk is-sentenza tkun gusta fis-sustanza taghha, hlief jekk l-eccezzjoni tkun ibbazata fuq nuqqas ta' gurisdizzjoni jew fuq nuqqas ta' citazzjoni jew fuq illegittimita ta' persuna jew fuq li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti hija *extra petita* jew *ultra petita* jew fuq kull difett iehor li jippregudika l-jedd ta' smigh xieraq (Artikolu 790 tal-Kapitolu 12)". F'dak il-kaz il-Qorti rragunat illi la l-parti sokkombenti ma giex ippregudikat tant li appella, il-fatt li d-digriet ma nqarax waqt seduta bil-miftuh ma kienx iwassal ghan-nullita` reklamata. F'dak il-kaz, id-digriet inghata fit-termini ta' l-Artikolu 229 (2) (e), (4) u (5) tal-Kapitolu 12;

Apparti li din il-Qorti ghandha fuq dan il-punt ir-rizervi taghha dwar dak il-gudikat, fil-kaz prezenti, trattasi minn impunjattiva ta' mandat ezekuttiv ta' Qbid, is-semplici digriet moghti kameralment u ghal dik ir-raguni ddikjarata illi l-procedura adottata ma kienetx dik idoneja, ma jistax jitqies sostanzjalment gust. Jekk xejn, ghaliex ma giex akkordat lill-parti l-jedd ta' dak is-smigh xieraq li jipprova u jiddefendi l-assunti tieghu promossi bir-rikors promotur u fi procediment appozitament mahsub ghal daqshekk, F'din l-ipotesi u taht dan il-profil id-digriet moghti ma jistax ma jitqiesx, sew irregolari, kif ukoll irritwali u null.

Ghal dawn il-motivi u bl-akkoljiment ta' l-ewwel aggravju din il-Qorti qed tilqa' l-appell fi sens li d-digriet appellat hu null u bla effett ghax moghti bi ksur ta' l-Artikolu 281, Kapitolu 12, u, konsegwentement, tordna li l-atti jigu rimandati lura lill-ewwel Qorti. In vista tac-cirkostanzi, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------